TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 168

KAZ NRU. 232

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Miss Venera Farrugia
u
Mr. Joseph Micallef
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 8 ta' Gunju, 1984

CHAIRMAN: Anthony J. Bartolo, MIEEE, TEng, FIElecIE, MBIM, MIIM, MIM

1. INTRODUZJONI

(1) Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar it-28 ta' Dicembru, 1982 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att XXX ta' l-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

(2) Sa d-data ta' din id-decizjoni, it-Tribunal zamm seduta wahda biss, nhar il-Gimgha, 1 ta' Gunju, 1984.

(3) L-appellant, is-Sinjorina Venera Farrugia, kienet assistita mis-Sur A. Muscat Terribile.

Is-Sur Joseph Micallef kienipprezentat mis-Sur Hector Borg.

2. DIKJARAZJONI TAL-APPELLANT

Wara li s-Segretarju tat-Tribunal Industrijali, is-Sur A. Bartolo Parnis, qara l-ittra ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali bid-data tat-28 ta' Dicembru, 1982, is-Sur A. Muscat Terribile, ghan-nom ta' l-appellant, is-Sinjorina Venera Farrugia, ghamel dikjarazjoni li l-kwistjoni hija dwar 'terminal benefits' u mhux 'dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Fuq mistoqsija tat-Tribunal, is-Sur A. Muscat Terribile qal li s-Sinjorina Venera Farrugia qatt ma giet imkeccija, imma spiccat mill-impieg fl-eta ta' wiehed u sittin (61) sena.

3. DECIZJONI

It-Tribunal Industrijali iddecida li stante li l-kwistjoni bejn iz-zewg partijiet mhiex skond it-'terms of reference' moghtija lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru, it-Tribunal jiddikjara li ma hemmx lok ta' proceduri ulterjuri u ghalhekk ma jiehux izjed konjezjoni tal-kaz.

ANTHONY J. BARTOLO
CHAIRMAN

A. BARTOLO PARNIS
SEGRETARJU